MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1300/2003

**Salvina EBEJER bħala werrieta universali tal-mejta Rose Ebejer**

**vs**

**Is-soċjeta' AMBROSE LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Diċembru, 2003, li bih l-attriċi wara li ppremettiet:-

Illi permezz ta' skrittura privata tal-wieħed u tletin (31) t'Awissu tas-sena elfejn u wieħed (2001), is-soċjeta' konvenuta Ambrose Limited ikkostitwiet ruħha debitur ċert u likwidu għas-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u għaxar liri maltin (Lm12,410) favur Rose Ebejer, liema skrittura qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "A";

Illi Rose Ebejer mietet nhar l-erbatax (14) t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed (2001), skond iċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok. "B";

Illi b'testment tad-disgħa (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed (2001) in atti tan-Nutar Dr. Anthony Gatt, l-imsemmija Rose Ebejer ikkostitwiet bħala eredi universali tagħha lill-attriċi Salvina Ebejer, liema testment qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. "C";

Illi permezz ta' l-iskrittura privata hawn fuq imsemmija, is-soċjeta' konvenuta obbigat ruħha li tħallas l-imsemmija somma permezz ta' pagamenti mensili, skond kif jirriżulta mill-istess skrittura;

Illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti fl- obbligi tagħha għall-ħlas ta' l-ammont dovut, salv għall-pagament wieħed ta' ħames mija u għaxar liri maltin (m510) li tħallas lill-mejta Rose Ebejer fl-10 ta' Settembru 2001;

Illi l-kreditu, li jammonta għal ħdax-il elf u disa' mitt lira maltin (Lm11,900) huwa ċert, likwidu u dovut;

Illi s-soċjeta' konvenuta Ambrose Limited, interpellata diversi drabi, nonostante li aċċettat li tkompli tħallas il-bilanċ li kien għad fadal, baqgħet inadempjenti;

Għalhekk l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u dispensat is-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq*, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12):

1. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta Amrbose Limited debitriċi favur l-attriċi Salvina Ebejer, bħala werrieta universali tal-mejta Rose Ebejer, għas-somma ta' ħdax-il elf u disa' mitt lira maltin (Lm11,900);

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Amrbose Limited tħallas is-somma ta' ħdax-il elf u disa' mitt lira maltin (Lm11,900) lill-attriċi Salvina Ebejer;

Bl-ispejjeż, inkluz dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-2 ta’ Ġunju 2003 u bl-imgħax legali ai termini ta’ l-iskrittura datata 31 t’Awissu 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta’ konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta’ konvenuta li naqset li tippreżenta nota ta’ eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tal-attriċi;

Semgħet l-Avukat tal-attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta’ konvenuta tiddeċiedi billi **tilqa’ t-talba tal-attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------